ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 20/2020/09

**Data tal-laqgħa:** 15 ta' Settembru, 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-16:50hrs.

## Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

## Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

20.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 19

20.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 19 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier John Luke Cassar, li kienet issekondata mill-Kunsilliera Ritienne Caruana dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

20.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva ittra rreġistrata fil-Qorti rigward il-kawża pendenti dwar malafama fuq il-Kunsill li dehret fil-ġurnal L-Orizzont.

20.3.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li tissejjaħ laqgħa mal-Avukat tal-Kunsill biex jiddiskuti l-aħjar mod kif se nipproċedu.

20.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li għandu laqgħa mal-Perit ta' Infrastracture Malta rigward is-sitwazzjoni tax-xogħol li għaddej fi Triq San Pietru.

20.3.2.1 Is-Sindku qal li x-xogħol tal-*cables* kważi lest u jonqos ix-xogħol tad-drenaġġ. Is-Sindku spjega li peress li hemm żewġ kuntratturi li qed jagħmlu xogħol differenti dawn ser ikunu qed jagħmlu t-tarmak bi spejjeż bejniethom, biex jingħata wiċċ sħiħ.

20.3.2.2 Il-Kunsillier Cody Galea qal li dan il-ftehim, li ser isir wiċċ sħiħ, għandu jkun bil-miktub biex inkunu ċerti li x-xogħol isir hekk. Is-Sindku qal li Infrastracture Malta qed tikkordina x-xogħol bejn iż-żewġ kuntratturi.

20.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari 7/2020 rigward Permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali skont L.S. 441.04.

20.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/SCI/3/2020 rigward Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilità u Mobilità.

20.3.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-Ċirkulari u s-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jaħsbu ftit dwar xi proġetti jistgħu jsiru li jidħlu taħt din l-applikazzjoni.

20.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva risposta minn Tech.mt rigward il-*wifi hotspots*, fejn ġejna infurmati li l-Kunsill irid iħallas għall-ispejjeż tal-installazjoni u ħlas fis-sena.

20.3.5.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ġie deċiż li tintalab stima biex isir *wifi hotspot* f'Misraħ San Leonardu.

20.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* rigward il-European Week for Waste Reduction.

20.3.6.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ġie deċiż li l-Kunsill ma jieħux sehem din is-sena.

20.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva email mingħand ir-Reġjun Nofsinhar rigward l-iskemi ta' fondi mir-Reġjun li għadhom ma sarux talbiet ta' rifużjoni għalihom. Is-Sindku qal li l-Kunsill ta' Ħal Kirkop fadallu biss €18,000 li huma allokati għall-proġett ta' tisbieħ fl-area ta' quddiem l-iskola u l-Kunsill. Dawn il-fondi jistgħu jinġabru sa Settembru 2021.

20.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li r-Reġjun Nofsinhar kien bagħat *email* rigward l-Iskema Inizjattivi Ambjentali 2020.

20.3.8.1 Il-Kunsillier Cody Galea se jkun qed jara din l-iskema biex jara jekk il-Kunsill jistax japplika.

20.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva kwestjonarju mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward informazzjoni fuq latrini pubbliċi fil-lokalità.

20.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva risposta rigward l-Inizjattiva Finanzjarja – Local Government Culture Fund 2018 – 2020 fejn infurmawna li l-Kunsill ma jistax jitrasferixxi dan il-fond biex jiżdied mal-fond tas-sena d-dieħla.

20.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* dwar laqgħa rigward il-preparazzjoni u l-implimentazzjoni ta' *Master Plan* rigward *Valley Water Catchments*.

20.3.11.1 Is-Sindku Terence Agius qal li hu ser ikun qed jattendi għall-meeting dwar dan.

20.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva kwotazzjoni dwar il-*live streaming portal* biex issir *upgrade* biex ikun jista' jiġi trasmess bil-browsers kollha.

20.3.12.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-kwotazzjoni u qablu li jsir dan ix-xogħol.

20.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien għadu qed jistenna appuntament għal-laqgħa dwar il-liċenzja tad-Day Centre.

20.3.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva stedina biex japplika biex ikun partner fi proġett – Europe for Citizens - Network of Towns.

20.3.14.1 Il-Kunsillier Cody Galea qal li l-Kunsill kien tefa' l-interess tiegħu u se nidħlu mal-*lot* ta' Frar 2021.

20.3.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand l-ST Microelectronics fejn talbu li jkun hemm Keep Clear minħabba *emergency escape manhole* li tiġi użata f'każ ta' emerġenza.

20.3.15.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li ma jsibux oġġezzjoni li ssir Keep Clear minħabba każijiet ta' emerġenza, sakemm jinġieb il-permess ta' Transport Malta minħabba li dik il-parti ta' Triq l-Industrija hija arterja.

## 20.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

20.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar il-bdil tas-siġar u l-pots fi Pjazza San Leonardu.

20.4.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u kien hemm qbil li l-ġardinar jibdel il-pots u s-siġar li hemm fi Pjazza San Leonardu. Dawn għandhom jinxtraw u jinbidlu biex il-Pjazza tingħata dehra sabiħa għax il-pots li hemm bħalissa huma miksura. Is-siġar li ser jitneħħew ser jiġu mħawla fi Ġnien Rousset.

20.4.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar il-problema tal-klandestini li qed jaħarbu mill-barracks tas-suldati u jekk il-Kunsill kienx irċieva xi risposta.

20.4.2.1 Is-Sindku Terence Agius qal li sakemm dħalna għal-laqgħa l-Kunsill kien għadu mingħajr risposta u għaldaqstant talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat *reminder* dwar din l-*email*.

20.4.3 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-19:45hrs.

20.4.4 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar il-parti fejn hemm is-siġar fi Triq ir-Ramlija, biex isir żbir u titnaddaf.

20.4.4.1 Il-Kunsill ser ikun qed jitkellem mal-ġardinar biex naraw kif dinil-parti tista' tiġi rranġata u msebbħa u jitneħħa wkoll l-imbarazz li hemm taħt l-istess siġar.

20.4.5 l-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet dwar *resurfacing* ta' Triq il-Lewżiet u Triq l-Industrija l-parti għad-dħul taċ-ċimiterju.

20.4.5.1 Is-Sindku Terence Agius qal li issa r-resurfacing tat-toroq għadda f'idejn Infrastracture Malta u għaldaqstant is-Sindku kien ser jitkellem magħhom dwar dawn it-toroq.

20.4.6 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar it-tkomplija tat-tarmak fi Triq San Benedittu peress li issa l-festi kienu għaddew u x-xogħol baqa' wieqaf.

20.4.6.1 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat *reminder* dwar dan ix-xogħol.

20.4.7 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar l-*unloading/loading bay* li ntalbet biex issir fi Triq San Benedittu.

20.4.7.1 Is-Sindku qal li din ma ġietx aċċettata u l-Kunsill talab għall-*communal loading/unloading bay*.

20.4.7.2 Il-Kunsillier Cody Galea qal li hu ma jaqbilx li din għandha tkun *communal loading/unloading bay* għax hemm ħwienet li mhux ser ikunu jistgħu jagħmlu użu minnha.

20.4.7.3 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ġie deċiż li l-Kunsill jirtira l-applikazzjoni għal *communal loading/unloading bay*.

20.4.8 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa jekk kienx hemm *feedback* mill-Ministeru tat-Turiżmu dwar dak diskuss f'Seduta Nru. 17 u Nru. 18 dwar il-pjanta tal-*observation area* tal-ajruplani.

20.4.8.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li kien hemm bżonn li ssir laqgħa mad-Direttur tal-Embellishment fi ħdan il-Ministeru tat-Turiżmu u ma' rappreżentant tal-Malta Aviation Society biex inkunu nistgħu naraw kif ser immexxu fuq dan il-proġett ta' tisbieħ ta' din l-*area*.

20.4.8.2 Kien hemm qbil li tissejjaħ laqgħa bejn il-partijiet konċernati.

20.4.9 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa jekk waqt li qed isir xogħol tad-drenaġġ fi Triq San Pietru k/m Triq Valletta, hux ser jagħlqu f'xi ħin Triq Danny Cremona. Hu qal li jekk ser ikun hemm tali għeluq hemm bżonn li ssir *traffic management* għall-ħruġ ta' Ħal Kirkop.

20.4.9.1 Is-Sindku Terence Agius qal li ser ikollu laqgħa mal-Perit ta' Infrastracture Malta u ser jitkellem miegħu dwar dan, biex jekk ikun il-każ l-affarijiet isiru sewwa.

20.4.10 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar il-mini ta' Ħal Kirkop u għaliex qed jingħalqu l-arkati li hemm bejn il-mini.

20.4.10.1 Jidher li skont il-Health & Safety dawn mhux suppost ikunu miftuħa minħabba sigurta u peress li l-mini qed jiġi rinovati, issa ser isiru skont is-*safety measures* rikjesti.

20.4.11 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar jekk il-karozza tal-linja Rotta Nru. 218 lejn u minn l-isptar tistax tgħaddi bħal Rotta Nru. 73, biex ikunu moqdija wkoll ir-residenti ta' Kirkop 2.

20.4.11.1 Is-Sindku Terence Agius qal li tkun ideja tajba. Il-Kunsilliera wkoll qablu ma dan is-suġġeriment u għaldaqstant ġie deċiż li tintbgħat email lill-Malta Public Transport dwar dan biex naraw kif nistgħu immexxu.

## 20.5 Rapport tal-Ilmenti

20.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fir-rigward tas-suġġeriment biex isiru *parking lines* fi Triq Tal-Fieres, il-Contracts Manager kien għamel *survey* dwar din it-triq u kemm jistgħu jidħlu parkeġġi.

20.5.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-*survey* u ġie deċiż li f'din il-parti tat-triq jibqa' kollox kif inhu u ma jsirux sinjali. Dan għall-fatt li jekk ser isiru l-kaxxi ser jintilfu ħafna parkeġġi.

20.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bqija tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fir-rapport ta' l-ilmenti mibgħut lill-Kunsilliera kollha, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 20.6 Approvazzjoni – Akkumular ta' *Vacation Leave* – Segretarju Eżekuttiv

20.6.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li minħabba raġunijiet ta' xogħol is-Segretarju Eżekuttiv ma kinetx ser tilħaq tieħu l-*vacation leave* kollu tas-sena 2020 u għaldaqstant talbet biex takkumula 80 siegħa *vacation leave* mis-sena 2020 għas-sena 2021.

20.6.2 Il-Kunsilliera ddiskutew it-talba tas-Segretarju Eżekuttiv u qablu li dawn it-80 siegħa jiġu mġedda kif mitlub.

20.6.3 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex is-Segretarju Eżekuttiv iġġedded 80 siegħa *vacation leave* mis-sena 2020 għas-sena 2021, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 20.7 Skema dwar CCTV mir-Reġjun Nofsinhar

20.7.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera li fir-rigward tal-iskema dwar CCTV mir-Reġjun Nofsinhar, hu kien tkellem ma persuna rigward il-cameras li l-Kunsill għandu imwaħħlin f'diversi postijiet.

20.7.2 Hu qal li għandu appuntament ma persuna li jaħdem fuq dan ix-xogħol u ser jiltaqa' miegħu biex naraw li s-sistema tkun kompatibbli ma' dik tal-LESA.

20.7.3 Is-Sindku kompla jgħid li wara li nkunu rajna s-sistemi li għandna, inkunu nistgħu nipproċedu fuq din l-iskema. Is-somma allokata għall-Kunsill ta' Ħal Kirkop hija ta' €2000. Il-proposti għal din l-iskema jintlaqgħu sat-30 ta' Ottubru, 2020.

## 20.8 Toqob tan-Nar tal-Art

20.8.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien irċieva stima oħra dwar it-toqob tan-nar tal-art, liema stima kienet tinkorpora biss it-tħaffir tal-ħofor.

20.8.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-istima u raw li ma jkunx vijabli li x-xogħol jinqasam f'biċċiet iżda għandu jsir kollu minn kuntrattur wieħed. L-istess kuntrattur għandu wkoll iġib il-permessi meħtieġa mill-entitajiet kollha biex ikun jista' jsir dan it-tħaffir.

20.8.3 Għaldaqstant ser tkun qed tintalab kwotazzjoni oħra dwar dan ix-xogħol biex tkun tista' tittieħed deċiżjoni.

20.8.4 Sadanittant il-Kunsillier Cody Galea qiegħed jipprepara *draft* tal-kuntratt li għandu jiġi ffirmat mal-għaqdiet tal-festi fir-rigward tat-toqob tan-nar tal-art.

## 20.9 Tisbieħ tal-*observation area* tal-ajruplani – Triq l-Industrija

20.9.1 Is-Sindku Terence Agius qal li din il-materja ġiet diskussa fl-*item* nru. 20.4 – Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

20.9.2 Għaldaqstant il-Kunsill seta' jmexxi fuq l-*item* tal-aġenda li jmiss.

## 20.10 Struttura tal-Bandli – Bandli tal-Kommunità

20.10.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien irċieva diversi lmenti rigward l-istruttura tal-bandli li hemm fil-Bandli tal-Kommunità. L-istruttura preżenti hija antika u għandha diversi ħsarat u l-Kunsill diġà ordna struttura ġdida li qegħda merfugħha minħabba li għaddej xogħol ta' kostruzzjoni biswit il-bandli.

20.10.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li x-xogħol ta' kostruzzjoni huwa wieqaf u jidher li ser idum ma jitkompla u staqsa jekk hux possibbli li l-istruttura titwaħħal issa biex tkun tista' tintuża u titgawda mit-tfal tal-lokalità.

20.10.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u ġie deċiż li titwaħħal l-istruttura tal-bandli l-ġdida.

## 20.11 Sotto Kumitat Ġemellaġġ Rousset

20.11.1 Is-Sindku Terence Agius talab lill-Kunsilliera jekk kienux ħasbu f'xi persuna li tista' tkun fis-Sotto Kumitat Ġemellaġġ Rousset.

20.11.2 Il-Kunsilliera qablu fuq persuna u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħatilha ittra biex naraw jekk tixtieqx tagħmel parti minn dan is-Sotto Kumitat. Jekk din ma taċċettax, il-Kunsill ser ilaqqa' s-Sotto Kumitat bil-persuni magħżula u jimxu minn hemm.

## 20.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

20.12.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 106 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

20.12.2 Il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 106 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 20.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

20.13.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

20.13.2 Minħabba li kien hemm problema biex tinstab data tajba għal kulħadd fil-ħin tas-soltu, il-Kunsilliera qablu li l-laqgħa ta' Ottubru ssir filgħodu.

20.13.3 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-laqgħa ta' Ottubru ssir fl-10.30 ta' filgħodu, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

20.13.4 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 12 ta' Ottubru, 2020 fil-10.30 ta' filgħodu.

20.13.5 Il-laqgħa ntemmet fid-21:00hrs.

*(iffirmati)*

| | |
|---|---|
| Terence Agius | Antonia Demicoli |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

**Data:** 12 ta' Ottubru, 2020

**Mozzjoni Ref:** 104/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 19.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| John Luke Cassar | Ritienne Caruana |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' Settembru, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 105/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied peress li kienu għaddew it-tlett siegħat.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Cody Galea | Terence Agius |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' Settembru, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 106/20/9

**Mozzjoni:**

Biex is-Segretarju Eżekuttiv iġġedded 80 siegħa *vacation leave* mis-sena 2020 għas-sena 2021.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' Settembru, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 107/20/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 106.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Cody Galea | Terence Agius |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' Settembru, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 108/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-laqgħa ta' Ottubru ssir fl-10.30 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' Settembru, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**